# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2018/2009

## tas-17 ta' Diċembru 2018

## li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2013/233/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/233/PESK ([1]) li tistabbilixxi l-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya).

(2) Fis-17 ta' Lulju 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1342 ([2]) li testendi l-mandat ta' EUBAM Libya sal-31 ta' Diċembru 2018 u li tipprevedi ammont ta' referenza finanzjarja sat-30 ta' Novembru 2017.

(3) Fl-20 ta' Novembru 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2162 ([3]) li tipprevedi ammont ta' referenza finanzjarja sal-31 ta' Diċembru 2018.

(4) Wara r-Rieżami Strateġiku ta' EUNAVFOR MED operation Sophia, EUBAM Libya u ċ-Ċellola tal-UE ta' Kollegament u Ippjanar, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà rrakkomanda li l-mandat jiġi emendat u estiż sat-30 ta' Ġunju 2020.

(5) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2013/233/PESK tiġi emendata u estiża skont dan.

(6) L-EUBAM Libya ser titmexxa fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stipulati fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2013/233/PESK hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 u l-Artikolu 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

**Objettivi**

L-objettivi tal-EUBAM Libya għandhom ikunu li tassisti lill-awtoritajiet Libjani fit-tisħiħ tal-istrutturi tas-sigurtà tal-istat fil-Libja, b'mod partikolari fl-oqsma tal-ġestjoni tal-fruntieri, l-infurzar tal-liġi u l-ġustizzja kriminali bil-għan li tikkontribwixxi għall-isforzi biex jitkissru n-netwerks tal-kriminalità organizzata involuti b'mod partikolari fil-faċilitazzjoni tal-migrazzjoni illegali, it-traffikar tal-bnedmin u t-terroriżmu fil-Libja u fir-reġjun tal-Mediterran Ċentrali.

*Artikolu 3*

**Kompiti**

1. Sabiex jintlaħqu l-objettivi stipulati fl-Artikolu 2, l-EUBAM Libya għandha:

(a) tappoġġa l-iżvilupp ta' qafas usa' ta' ġestjoni tal-fruntieri, b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp ta' White Paper dwar Strateġija għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, inkluż strateġija marittima dwar is-sigurtà, billi tipprovdi l-għoti ta' kapaċitajiet u timplimenta proġetti konkreti lill-Aġenziji Libjani tal-Infurzar tal-Liġi Marittima u l-Aġenziji Libjani tal-Ġestjoni tal-Fruntiera tal-Art filwaqt li tevalwa wkoll il-possibbiltajiet tal-espansjoni tal-attivitajiet barra mill-belt kapitali, inkluż fuq il-fruntiera mat-Tuneżija u fin-Nofsinhar tal-pajjiż;

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/233/PESK tat- 22 ta' Mejju 2013 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) (ĠU L 138, 24.5.2013, p. 15).
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1342 tas-17 ta' Lulju 2017 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2013/233/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) (ĠU L 185, 18.7.2017, p. 60).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2162 tal-20 ta' Novembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2013/233/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) (ĠU L 304, 21.11.2017, p. 50).

(b) tappoġġa t-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-ippjanar strateġiku, inkluż fir-rigward tal-pulizija, fil-Ministeru għall-Intern fil-qasam tal-infurzar tal-liġi, inkluż, fejn fattibbli, assistenza lill-Missjoni ta' Appoġġ tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Libja (UNSMIL) u l-isforzi tagħha għall-bini tal-kapaċità tal-pulizija, u tappoġġa l-funzjonijiet ta' koordinazzjoni fost l-awtoritajiet Libjani rilevanti fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu;

(c) tappoġġa r-riforma istituzzjonali u tipprovdi assistenza għall-ippjanar strateġiku għall-Ministeru tal-Ġustizzja u tipprovdi tisħiħ tal-kapaċitajiet usa' għall-atturi rilevanti fil-qasam tal-ġustizzja kriminali inkluż l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u l-Istitut Ġudizzjarju Superjuri;

(d) tappoġġa l-koordinazzjoni strateġika bejn id-donaturi u l-implimentazzjoni ta' proġetti skont il-ħtiġijiet tal-Libja fl-oqsma tal-ġestjoni tal-fruntieri, l-infurzar tal-liġi u l-ġustizzja kriminali.

2. L-EUBAM Libya għandha tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-attivitajiet kollha tagħha.

3. L-EUBAM Libya ma għandha twettaq l-ebda funzjoni eżekuttiva.".

(2) Fl-Artikolu 13(1) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUBAM Libya għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2019 sat-30 ta' Ġunju 2020 għandu jkun ta' EUR 61 678 576,39.".

(3) Fl-Artikolu 16, it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Hija għandha tapplika sat-30 ta' Ġunju 2020.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2019.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2018.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. KÖSTINGER